TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA'MALTA

Decizjoni Nru 16/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Carmel W Mangion
u
Messrs. Sacha's (Paceville) Ltd.

Chairman: C.J. Mallia.

Data: 15 ta' Gunju, 1978.

Dan it-Tribunal beda jisma dan il-kas fit-18 ta' Mejju, 1978, wara li, permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju, 1978, il Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura kienet irriferit lit-Tribunal l-allegazzjoni tas-Sur Carmel William Mangion li huwa kien gie mkecci ingustament mill-impieg li kellu f'imprizi tal-kumpanija Sacha's (Paceville) Ltd.

2. Biex sema' l-partijiet u x-xhieda taghhom, it-Tribunal zamm erba seduti. L-appellant is-Sur C.W. Mangion kien assistit mis-Sur R.A. Matrenza, D.Pol.Econ.(Oxon.), F.R.Econ.S., Konsulent Industrijali, fil-waqt li ghall-kumpanija Sacha's (Paceville) Ltd. deher Mr Malcolm Bruce Jones, alias Mr Max Stevens. Mr Bruce Jones fl-ahhar seduta pproduca kopja mhix awtentikata ta' risoluzzjoni li tawtorizzah li jirraprezenta l-kumpanija f'kull kas f'Qorti. Ghal l-iskopijiet prattici tal-kas presenti t-Tribunal accetta din il-kopja bhala awtorizzazzjoni sufficjenti.

3. Fl-ewwel seduta nett is-Sur Bruce Jones informa lit-Tribunal li hu ma kienx jaf bil-Malti. Ghalhekk, u billi ma kienx hemm qbil li l-kas jitmexxa bl-Ingliz, huwa kien assistit minn zewg interpreti differenti, l-ewwel is-Sur Albert Palmier u wara is-Sur Noel Scerri, li t-tnejn gew debitament moghtija l-gurament ta' interpreti wara li kienu nstabu minn Mr Bruce Jones stess.

/..........

4. Il-fatti tal-kas huma dawn. Is-Sur Mangion kien gie impjegat minn Messrs. Sacha's bhala Storeman/Cashier fl-l ta' Novembru, 1974, wara li kien applika fuq avviz li l-kumpanija kienet ghamlet ghal dan il-post fil-gurnali fix-xahar ta' qabel. L-istess Sur Mangion gie mkecci minn dak l-impieg fis-7 ta' Novembru, 1977, permezz ta' ittra b'dik id-data, iffirmata mis-Sur F.V. Spiteri - Grech, li dak iz-zmien kien wiehed mid-Diretturi ta' Sacha's (Paceville) Ltd. Dik l-ittra tat ukoll ir-raguni tat-tkeccija f'dawn il-kliem: "This is due to the fact that store-keeping records have not been kept up to date during the last two months".

5. Dan l-impieg ta' Novembru, 1974, ma kienx l-ewwel darba li Sacha's saru jafu lis-Sur Mangion. Huwa kien impjegat maghhom fl-1971, telaq amikevolment, rega qabad maghhom u rega halla bla glied, u fl-ahhar rega sab impieg maghhom wara dak l-avviz ta' Ottubru, 1974.

6. Ghal l-iskopijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, huwa ta' min jippremetti li, fil-bidu tas-sottomiss-jonijiet finali tieghu, bi twegiba ghal mistoqsija tat-Tribunal, Mr Bruce Jones eskluda kategorikament. li s-Sur Mangion kien impjegat f'kariga amministrattiva jew ezekuttiva.

7. L-akkuza "illi li storekeeping records ma gewx mizmuma up-to-date f'dawn l-ahhar xahrejn", wehida, ma setghetx ma tolqotx lit-Tribunal bhala mhux bizzejjed biex tiggustifika tkeccija. Li haddiem jitkecca mix-xoghol tieghu huwa meqjus minn kullhadd bhal l-kastig estrem. Dan huwa ukoll maghruf bhala hekk fir-regolamenti ta' dixxiplina li jirregolaw is-Servizz Pubbliku, kif ukoll fil-prattika internazzjonali maghrufa mill-ILO. Ghalhekk it-Tribunal kellu jipprova jezamina (a) s-serjeta' tan-nuqqas, (b) ghaliex dan in-nuqqas sar, (c) setghax jigi evitat, u (d) kienx hemm twissijiet xierqa qabel min jimpjega wasal ghal kastig estrem.

8. It-Tribunal josserva

i. li iz-zewg partijiet gew quddiem it-Tribunal minghajr statement of case miktub, u ppretendew li jmexxu l-kas fuq bazi ta' " plead as you go"; u

/..........

ii. li sa fejn seta' jara t-Tribunal, l-agir tal-kumpanija Sacha's (Paceville) Ltd. kien immexxi pjuttost "alla buona", tant illi fil-bidu ma kienx hemm la contract of employment u l-anqas ittra, imma kollox sar verbalment. L-istess sar f'dawk li huma twissijiet, fatti importanti li jkollhom jergghu jissemmew.

Anqas, la minn nahha jew minn l-obra, ma gew offruti lit-Tribunal xi xhieda, dokumenti, jew fatti sodi fuqhiex wiehed jista jorbot. Dan kollu kien ta' tfixkil serju lit-Tribunal fit-tfittxija li ried jaghmel biex jara fejn kienet il-gustizzja.

9. Immorru issa ghal l-erbgha punti msemmija fil-paragrafu 7 hawn fuq.

10. Punt (a). Is-serjeta tan-nuqqas. L-istess appellant is-Sur Mangion sostna li xoghol lura kien hemm dejjem. Zied jghid li wiehed imbaghad jigi up-to-date fix-xitwa. L-ittra tat-tkeccija issemmi xoghol lura "dawn l-ahhar xaghrejn". Ix-xhud Mr John Azzopardi, Office Manager ma' Sacha's, migjub mill-istess kumpanija, qal li sab ix-xoghol ta' l-istorekeeping lura b'xi xahar/xahrejn. Barra milli taht kontro-ezami dan is-Sur Azzopardi ma weriex memorja tajba, huwa stess qal li ghamel stock-taking u lesta stock-cards godda, kollox f'zewg nofs ta' nhari. Hemm ukoll l-istqarrija tas-Sur C.W. Mangion illi f'ix-xahrejn in kwistjoni kien hemm bejn, 9 u 11 il-gurnata leave li ha hu. Din l-istqarrija, ghad li giet imtennija, ma giet kontestata minn hadd. Dan kollu, ma l-asserzjonijiet ta' xhieda ohrajn li huma kienu dejjem ilahhqu x-xoghol, dan stess tas-Sur Mangion jew iehor, ghad li kienu jghinu lil haddiehor, dan kollu inaqqas ferm mill-gravita' ta' dak imsejjah "xoghol lura", li seta' jingab up-to-date fix-xitwa, fis-slack ta' matul il-gimgha, jew f'jumejn.

11. Punt (b). Ghaliex dan in-nuqqas sar. Fuq punt ta' din l-importanza ebda nahha ma offriet raguni li tissodisfa lit-Tribunal. Allegazzjonijiet li s-Sur Mangion kien ihobb jghid xi cajta jew kwazi mxejjna meta xhieda qalet li dawn kienu jsiru meta ma kienx ikun hemm xoghol. Intqal ukoll li kienu jintqalu cajt waqt ix-xoghol, imma

/........

hawn ix-xhud xejn ma kien sod fix-xhieda tieghu. Anki jekk setghu ntilfu xi minuti f'xi cajt, dawk kellhom aktar milli jitpattew bil-fatt li s-Sur Mangion kien jidhol qabel u joqghod wara l-hinijiet tax-xoghol tieghu, li kienu 7p.m. sa 3a.m. Gie muri li meta wiehed ikollu "d-data" kollha f'idejh kull kont kien jista jsir f'mhux aktar minn hames minuti.

12. Punt (c). <u>In-nuqqas setghax jigi evitat.</u> Billi ma gietx murija sodisfacjentement is-serjeta' tan-nuqqas, tonqos ukoll l-importanza ta' jekk setghax jigi evitat. Intwera bix-xhud Mr Anthony Vella li f'xi zmien is-Sur Mangion kellu ghajnuna fix-xoghol tieghu, u ghal dan il-Management ma oggezzjonax. Intqal ukoll li f'xi zmien iehor is-Sur Mangion wassal ilment lill-Office Manager kif ukoll lil Mr.Bruce Jones, u dan ta' l-ahhar ta' instructions biex Mr. Mangion ikun relieved ghal satghajn biex ikun jista jlahhaq ix-xoghol ta' l-istorekeeping. Ghalhekk, kien x'kien ix-xoghol lura, jidher li bir-rieda tajba dejjem setgha jigi evitat.

13. Punt (d). <u>Kienx hemm twissijiet xierqa.</u> Fil-kontest tal-kas dan il punt jakkwista importanza mhix zghira. Ix-xhud Mr.Charles Sciberras, General Manager ma Sacha's qal li s-Sur Spiteri Grech kien ta' warning finali lis-Sur Mangion, bil-kliem, u kien qallu: "Ma jistghax ikun li nibqghu sejrin hekk, ghax inkella ikollna nsibu lil haddiehor". Ix-xhud Mr.John Azzopardi, Office Manager ma Sacha's, ikkonferma li Mr.Spiteri Grech kien ta' warning finali verbali lil Mr Mangion. Ix-xhud Mr.Azzopardi qal ukoll li Mr. Brian Papagiorcopulo, li qabel kien Accountant ma Sacha's, kien wissa verbalment lis-Sur Mangion li x-xoghol ta' l-istorekeeping kien lura. Din ix-xhieda fiha valur relativ. Fihom aktar sahha iz-zewg fatti.

(i) illi ebda twissija bil-miktub ma giet pruvata u

(ii) illi is-Sur F.V. Spiteri -Grech, li setgha kien xhud importanti (kien hu li inghad li ta' warning finali u kien hu ukoll li ffirma l-ittra tat-tkeccija ghal Kumpanija), ma giex prodott mill-Kumpanija.

14. Minn dan li ntqal johrog:

a. Is-serjeta' tan-nuqqas moghti bhala raguni tat-tkeccija ma gietx pruvata.

/........

/.......

b. Billi ma giet moghtija ebda raguni soda ghaliex sar xi nuqqas li setgha kien hemm, il-beneficcju tad-dubbju imur favur l-appelant.

c. Bhal ma gara f'hinijiet ohra, xi zmien li fih ix-xoghol ta' Storekeeping kien xi ftit lura seta jigi evitat.

d. Ma giex muri lit-Tribunal li kien hemm warnings bil-miktub li, f'kas ta' nuqqas serju, setghu fl-ahhar jiggustifikaw tkeccija.

Award

15. Ghalhekk, it-Tribunal jilqa t-talba ta' l-appellant is-Sur C.W. Mangion billi jiddikjara li t-tkeccija tieghu mill-Kumpanija Sacha's (Paceville) Ltd. ma gietx murija li kienet gusta.

16. Fl-istess waqt, imhabba fir-relazzjonijiet umani li nholqu bejn il-partijiet fuq din it-tkeccija, it-Tribunal ma jhossx li hu prattikabbli li s-Sur Mangion jigi reinstated mad-ditta Sacha's. Izda dawn, Messrs. Sacha's (Paceville) Ltd., ghandhom l-obbligu, u it-Tribunal jordnalhom, li jaghtu lil Mr. Mangion certifikat ta' servizz bl-ebda riferenza ghal nuqqas, kemm il-darba Mr. Mangion jitlobhulhom bil-miktub fi zmien tlett xhur minn din id-data, igiefieri mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru, 1978.

17. Fic-cirkostanzi kolla tal-kas, it-Tribunal jordna lid-ditta Sacha's (Paceville) Ltd. biex thallas lis-Sur C.W. Mangion, bhala kumpens finali ghat-tkeccija (li jinkludi wkoll kull claim possibbli ghal telf ta' paga) is-somma ta' £M500 (hames mitt lira maltin).

(C.J. Mallia)
Chairman

(S.Grech)
Segretarju

15 ta' Gunju, 1978.